

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12651/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0258 (COD)

GAF 24
FIN 1055
ECOFIN 1144
CADREFIN 183
CODEC 1233

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 462 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall- protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il- programm "Pericles V"), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 462 annex.

Mehmuż: COM(2025) 462 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 462 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro
kontra l-kontrafazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-programm "Pericles V"), u li
jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2021/840**

{SWD(2025) 253 final}

ANNEX

AZZJONIJIET ELIĠIBBLI GĦALL-FINANZJAMENT

- (1) L-iskambji u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (a), għandhom, fost l-oħrajn, ikunu mmirati lejn:
- l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tal-kontrafazzjoni u l-frodi relatata mal-kontrafazzjoni relatata mal-euro, inkluż theddid potenzjali għall-euro diġitali futur;
 - il-metodoloġiji għall-monitoraġġ u l-analiżi tal-impatt ekonomiku u finanzjarju tal-kontrafazzjoni;
 - it-tħaddim ta' bażijiet ta' data u sistemi ta' twissija bikrija;
 - l-użu ta' għodda ta' detezzjoni, inkluż bl-għajnuna tal-kompjuter;
 - il-metodi ta' inkjesta u ta' investigazzjoni;
 - assistenza xjentifika, inkluż il-monitoraġġ ta' żviluppi għodda, anke fir-rigward ta' theddid potenzjali maħluq mill-Intelliġenza Artifiċjali u opportunitajiet ta' investigazzjoni li hi toffri;
 - il-protezzjoni tal-euro barra l-Unjoni;
 - azzjonijiet ta' riċerka;
 - il-forniment ta' kompetenzi operazzjonali speċifiċi;
- (2) L-assistenza teknika, xjentifika u operazzjonali msemmija fl-Artikolu 8(5), il-punt (b), għandha tinkludi b'mod partikolari:
- kwalunkwe miżura xierqa li tistabbilixxi riżorsi għat-tagħlim fil-livell tal-Unjoni, bħal xi manwal ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bullettini ta' informazzjoni, manwali prattiċi, glossarji u dizżjunarji, bażijiet ta' data, speċjalment fil-qasam tal-assistenza xjentifika u l-għassa tat-teknoloġija, jew applikazzjonijiet tal-kompjuter li joffru appoġġ, bħas-software u għodda ta' Intelliġenza Artifiċjali;
 - studji rilevanti b'dimensjoni multidixxiplinarja u tranżnazzjonali, inkluż ir-riċerka dwar karatteristiċi tas-sigurtà innovattivi;
 - l-iżvilupp ta' strumenti u metodi tekniċi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-azzjonijiet ta' detezzjoni fil-livell tal-Unjoni;
 - l-appoġġ għall-kooperazzjoni f'operazzjonijiet li jinvolvu mill-inqas żewġ pajjiżi meta tali appoġġ ma jkunx jista' jsir disponibbli minn programmi oħra tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni;
- (3) Għall-fini tal-Artikolu 8(6), il-gruppi professjonali eliġibbli għandhom jinkludu:
- il-persunal ta' aġenziji involuti fl-iskoperta u l-għieda kontra l-kontrafazzjoni, b'mod partikolari l-forzi tal-pulizija;
 - l-amministrazzjonijiet doganali u finanzjarji;
 - is-servizzi postali u dawk tat-tqassim tal-pakketti;
 - il-persunal involut fil-ġbir ta' informazzjoni;

- ir-rappreżentanti tal-banek ċentrali nazzjonali, taz-zekki, tal-banek kummerċjali u ta' intermedjarji finanzjarji oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi ta' istituzzjonijiet finanzjarji;
- il-persunal tal-qorti, il-prosekuturi, l-imħallfin, l-avukati speċjalizzati u membri oħra tal-ġudikatura f'dan il-qasam;
- kwalunkwe grupp ieħor ikkonċernat ta' speċjalisti bħall-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija jew strutturi komparabbli li kapaċi jipprovdu aċċess lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, bejjiegħa bl-imnut u kumpaniji responsabbli għat-tranżitu ta' flus kontanti.